MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 3005/2002

**Polidano Brothers Limited u**
**Ramtan Investments Ltd**

**Vs**

**Metal Innovations Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf erba' mija u sbatax-il lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm1417.15) rappresentanti danni likwidati sofferti mill-istess socjetajiet attrici bhala konsegwenza ta' xoghol difettuz fl-installar ta' kancel (*gate*) u muturi relatati fil-kumpless ta' bini bl-isem ta' "Rampol Buildings" li jinsab fi Triq John Borg, Birkirkara.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Ottubru 2001 (Dokument A) u ta'l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 2002 u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv  kontra s-socjeta konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta fejn hija ecceppiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi:
1. d-danni sofferti mis-socjetajiet attrici ma grawx tort tas-socjeta konvenuta jew ta' xi impjegati taghha.
2. Illi x-xoghol ta' installar ta' bosta bibien u shutters fil-kumpless ta' bini bl-isem "Rampol Buildings" li jinsab fi Triq John Borg B'Kara sar kif suppost u kien minghajr difetti.
3. Illi d-danni li s-socjetajiet attrici allegatament soffrew ma humiex kagun ta' xoghol jew installar hazin da parti s-socjeta konvenuta rigward l-imsemmi kancell izda kompletament rizultat ta' atti vandali ikkagunati minn persuni mhux maghrufa liema vandalizmu seta sar minhabba n-nuqqas tas-socjetajiet attrici li jipprovdu *remote control* lis-sidien tal-garaxxi biex ikunu jistghu jifthu l-imsemmi kancell u jidhlu go hwejjighom stess. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjetajiet attrici.

Ra il-kontro-talba maghmula mis-socjeta konvenuta fejn hija talbet illi s-socjetajiet attrici jigu ikkundannti ihallsuha s-somma ta' Lm360 rapprezentanti spejjez ta' xoghol ta' installar ta' *gate* maghmul minnha fl-istess kumpless, liema *gate* kien sar apposta li jinqafel b'katnazz u mhux b'*remote control* sabiex is-sidien u l-kerejja tal-garaxxijiet ikunu jistghu jidhlu fi hwejjighom minghajr ostakoli. Bl-ispejjez tal-presenti kif ukoll dawk ta'l-ittra ufficjali datata 25 ta' Lulju 2002 u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjetajiet attrici ghal-kontro-talba maghmula mis-socjeta konvenuta ipprezentata fl-4 ta' Frar 2003 fejn gie ecceppiet illi:

1. Preliminarjament it-talbiet tas-socjeta konvenuta huma preskritti ai termini ta'l-artikoli 2148(a) u/jew 2149(a) tal-Kodici Civili.
2. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xoghol tas-socjeta konventa kien sar b'xejn bi ftehim bejn il-partijiet u dana wara li s-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti kienet irrikonoxxiet li kienet ghamlet xoghol difettuz antecedenti.
3. oltre dan il-muturi elettrici li kellhom jigu installati flimkien mal-*gate* in kwistjoni qatt ma wasslu biex b'hekk is-socjetajiet attrici rikonvenzjonati kellhom jinstallaw mutur elettriku huma ghas-spejjez taghhom liema spejjez qed jigu ukoll mitluba in linea ta' danni fit-talba taghhom f'dawn il-proceduri.

Sema' x-xhieda ta'  Dennis Muscat in rappresentanza tas-socjetajiet attrici, ta' Carmelo Calleja, u ta' Gino Tabone.

Ra il-verbali tat-8 ta' Ottubru 2003 u tas-26 ta' Novembru 2003, fejn is-socjeta konvenuta naqset li tidher u ghaldaqstant ma ressqet l-ebda provi in sostenn tal-eccezzjonijiet u il-kontro-talba maghmula minnha.

Ra l-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2004, fejn is-socjeta konvenuta regghet naqqset li tattendi u tressaq il-provi taghha u ghaldaqstant l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi is-socjetajiet attrici f'din l-istanza qeghdin jitolbu hlas ta' danni minnhom sofferti b'konsegwenza tal-fatt illi s-socjeta konvenuta ma esegwietx ix-xoghol ta' installar ta' kancell gewwa il-bini bl-isem Rampol Buildings, skond is-sengha u l-arti. Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dan il-kancell kellu iservi biex jaghlaq l-entratura ghal blokk ta' bini konsistenti f'mija u sittax-il garaxx fuq sitt sulari, proprjeta tas-socjetajiet attrici. Il-kancell li kellu jigi installat f'din l-

entratura ma giex installat kif suppost bil-konsegwenza illi immedjatament kien hemm problema fih stante illi dan ma bediex jitla' u jinzel u lanqas ir-*remote controls* li gew mixtrija appositament sabiex jintuzaw ghal ftuh ta' dan il-kancell ma bdew jahdmu. Is-socjetajiet attrici kienu hallsu il-prezz kollu lis-socjeta konvenuta ghax-xiri u installar ta' dana il-kancell u ghalhekk huma bdew jilmentaw immedjatament mas-socjeta konvenuta fuq dana in-nuqqas. Dennis Muscat jixhed illi is-socjeta konvenuta kienu ikkonsenjaw is-*shutter* b'mutur nieqes u ghalhekk mhux skond kif indikat fil-*quotation* originali taghhom. Ghalhekk huma installaw mutur iehor, izda is-*shutter* xortawahda baqa' ma jahdimx u cioe' ma bediex jinghalaq, tant illi bdew jidhlu terzi persuni sabiex jisirqu. Ghalkemm is-socjeta konvenuta kienet wieghdet lis-socjetajiet attrici illi kienet ser tiehu hsieb tinstalla *gate* gdida, kif fil-fatt sar, dina it-tieni *gate* ukoll ma kenitx tiffunzjona sew u ghalhekk gew istitwiti l-proceduri legali kontra l-istess socjeta konvenuta. Inoltre is-socjetajiet attrici kellhom jaffettwaw minn buthom it-tiswijiet kollha necessarji u dana kif jirrizulta mid-Dokumenti C, D u E annessi ma'l-avviz a fol. 5 sa 7 tal-process.

Dennis Muscat inoltre jichad illi is-socjetajiet attrici ghandhom ihallsu s-somma ta' Lm360 lis-socjeta konvenuta ghat-tieni *gate* li giet installata u dana peress illi fl-ewwel lok huwa kien hallashom is-somma ta' Lm100 ghat-tiswijiet u Lm150 ghat-tieni mutur u finalment peress illi l-ftehim bejniethom kien illi din it-tieni *gate* tigi installata minghajr hlas, oltre illi l-istess socjeta konvenuta qatt ma baghtet kont f'dan ir-rigward.

Dana kollu gie ukoll ikkonfermat mix-xhieda ta' Gino Tabone u Carmelo Calleja li xehdu dwar il-hsarat li kien fih dan il-kancell u l-problemi riskontrati minhabba il-fatt li ma kienx jiffunzjona tajjeb.

Ra illi s-socjeta konvenuta ma ressqitx provi in sostenn ta'l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba minnha imressqa ghalkemm inghatat diversi opportunitajiet sabiex taghmel l-istess.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-ececzzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta u l-kontro-talba ta'l-istess, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjetajiet attrici s-somma ta' elf erba' mija u sbatax-il lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm1417.15), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------